# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 236/15 FDP**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**( C 2833 )**

**vs**

**Priscilla Vella**
**( ID 263484 M )**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Awissu 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' erbghat elef, disgha mija u wiehed u erbghin Euro u disgha u tletin centezmu (€4,941.39) rapprezentanti debitu fil 'Consumer Loan' u 'Credit Card Loan Account' ta' l-intimata moghtija lilha permezz ta' skritturi privati datat 20 ta' Lulju 2010 u 10 ta' April 2012.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz tal-Ittra Uffcjali datata 7 ta' Awissu 2014, u bl-imghax mis-7 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-proceduri tal-affissjoni u dana billi twahhlet l-avviz u l-avviz tas-smiegh gewwa l-Kunsill Lokali ta' Fgura, l-Ghassa tal-Pulizija, Fgura u fl-indirizz tas-socjeta intimata Flat 5, Block C6, Qasam Bini tal-Gvern, Fgura (fol 35 tergo), kif ukoll l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Novembru 2015 (fol 34) u fil-gazzetta The Malta Independent tat-2 ta' Dicembru 2015 (fol 33) u l-Orizzont ta' l-1 ta' Dicembru 2015 (fol 32)

Illi fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2015, is-socjeta attrici ipprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (fol 37).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2016, il-konvenuta, imsejjha diversi drabi, baqghet ma deheritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghat elef, disgha mija u wiehed u erbghin Euro u disgha u tletin centezmu (€4,941.39) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja - Deputat Registratur**